# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.4

**Kap 2:** ***Il-ħbieb iħobbuna***

**Lezzjoni 2.4: Ġesù huwa għalliem importanti**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**




1. Jifhmu kif kull bniedem għandu bżonn għalliema tajbin biex isir aħjar.
2. Jagħrfu kif Ġesù kien jitratta man-nies.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- L-istorja ta' Nikodemu
  http://www.youtube.com/watch?v=CPwwn2kIj1o
- Stampi ta' għalliema fil-Presentation.
- Stampa ta' anzjan.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri stampa ta' għalliema u staqsi lit-tfal x'inhu xogħol l-għalliema.

- Islet dawn il-punti:
  - Tgħinna
  - Tixtiqilna l-ġid
  - Tgħallimna affarijiet ġodda
  - Tgħallimna kif inkunu tfal bil-għaqal
  - Tieħu ħsiebna bħalma tieħu ħsiebna l-mamà.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Itfi l-klassi fid-dlam u ibda rrakkonta l-istorja ta' Nikodemu u spjega li Nikodemu tant ried jitgħallem mingħand Ġesù li ħareġ bil-lejl fid-dlam u mar għand Ġesù. Meta taqra l-biċċa meta Nikodemu sema' lil Ġesù, ixgħel il-klassi u staqsi lit-tfal jekk jafux għalfejn inti xgħelt id-dawl.

- Spjega li meta aħna ma konniex nafu fuq Ġesù, bħal Nikodemu, konna fid-dlam iżda meta nibdew nitgħallmu fuq Ġesù, Ġesù huwa d-dawl li jimla l-ħajja tagħna u nkunu ferħana għax m'għadniex iżjed fid-dlam.

- Uri http://www.youtube.com/watch?v=CPwwn2kIj1o



- Iddiskuti mat-tfal xi tkunu rajtu f'dan il-vidjow:

- Irid joħroġ il-fatt li Ġesù kien għalliem importanti għal Nikodemu għax anke wara li miet Ġesù baqa' jiftakar dak li għallmu u beda jgħallmu lil nies oħrajn.

- Uri l-istampa tat-tifel qiegħed jgħin anzjan u iddiskuti l-modi differenti li t-tfal jistgħu jgħinu lill-oħrajn biex l-oħrajn u anke huma jħossuhom aħjar għax ikunu qed jagħmlu kif irid Ġesù.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù huwa l-għalliem li jimliena bid-dawl tat-tagħlim tiegħu.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

It-tfal jippruvaw jaraw kif ser iħobbu lil dawk ta' madwarhom bħal Ġesù, billi jgħinuhom ikunu aħjar. Dan iwassal biex anke huma jsibu min jgħinhom ikunu aħjar.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

L-istorja ta' Nikodemu http://www.youtube.com/watch?v=CPwwn2klj1o



**Nitolbu**

O Alla għinna nitgħallmu dejjem iktar fuqek u fuq kemm tħobbna.

